**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 380/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 34.**

**GO p.l.c. (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Fithome Limited (C5101)**

**Fithome, Labour Avenue,**

**Naxxar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu talbet lis-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u sebgha u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€967.75c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC50219974; li l-ftehem li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta inghatat s-servizzi surriferit sar mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd liema socjeta' giet b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015 amalgamata fis-socjeta' mittenti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, s-socjeta' konvenuta ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas hadd ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u sebgha u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€967.75c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**